MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 159/2022 LM

**Ioannis Katakis (Karta ta' Residenza nru. 31065A)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Pinnacle Gaming Group Ltd. (C 34215) u bil-verbal tat-22 ta' Lulju, 2021 l-isem tas-soċjetà intimata huwa IZI Group plc (C 34215)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **IZI Group plc (C 34215)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fid-29 ta' Novembru, 2022, fejn it-Tribunal iddeċieda li r-raġuni ta' *redundancy* għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti **Ioannis Katakis (Karta ta' Residenza nru. 31065A)**

kienet inġusta, u in vista ta' dan it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li r-rikorrent għandu jkun intitolat għal kumpens skont il-klawsola 2.4.2.1 tal-kuntratt ta' servizz iffirmat bejn il-partijiet fid-9 ta' April, 2020.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors tiegħu ppreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà Pinnacle Gaming Group Limited bħala *Deputy Chief Executive Officer,* u qal li huwa tkeċċa minn dan l-impjieg inġustament fit-23 ta' Frar, 2021. Ir-rikorrent għalhekk talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu saret għal raġuni li mhijiex tajba u suffiċjenti fil-liġi, talab lit-Tribunal li jillikwida kumpens ġust konsegwenza ta' din it-tkeċċija inġusta, u talab lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont hekk likwidat. Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu bid-data tad-9 ta' April, 2020, kopja tal-ftehim ta' terminazzjoni bejn il-partijiet, kopja tal-ittra ta' terminazzjoni mill-impjieg bid-data tad-9 ta' Frar, 2021, kopja tal-ittra tal-konsulent legali tar-rikorrent tad-19 ta' Frar, 2021, u kopja tar-risposta tal-konsulent legali tas-soċjetà intimata tal-5 ta' Marzu, 2021.

**<u>Mertu</u>**

3. Fid-Dikjarazzjoni tal-Każ tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie introdott ma' Johann Schembri, *managing director* tas-soċjetà Pinnacle Gaming Group Limited, minn Albert Frendo, dak iż-żmien uffiċjal tal-Bank of Valletta plc,

bil-ħsieb li r-rikorrent jiġi impjegat mis-soċjetà intimata. Qal li kemm Albert Frendo kif ukoll il-Bank of Valletta għandhom rispett kbir lejh minħabba fil-mod kif huwa żviluppa l-Maltco Lotteries, u l-fatt li ż-żewġ faċilitajiet ta' self ipprovduti mill-BOV fl-2004 u fl-2012 ta' aktar minn tletin miljun Euro (€30,000,000) tħallsu qabel l-iskadenza tagħhom u l-Maltco Lotteries irduppjat id-dħul tagħha matul il-perijodu bejn l-2004 u l-2015. Ir-rikorrent qal li meta huwa ltaqa' ma' Johann Schembri, dan qallu li ried jikkopera miegħu fuq proġett f'Ċipru u fuq il-proġett tal-liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali ta' Malta, għaliex ir-rikorrent kien rebaħ it-*tender* tal-lotterija nazzjonali darbtejn, u kien stabbilixxa l-Maltco Lotteries u żviluppaha bejn l-2004 sal-2015. Qal li minħabba l-kisbiet u s-suċċessi globali li huwa għamel fil-qasam tal-*gaming* bħala *General Commercial Director* ta' Intralot SA fil-Greċja, u bħala CEO ta' Maltco Lotteries mill-2004 sal-2015, fejn il-Maltco Lotteries sarert l-aktar lotterija ta' suċċess fost il-lotteriji Ewropej, fl-2015 huwa ġie elett bħala membru tal-PGRI Hall of Fame fl-Amerka, fir-rwol tiegħu ta' CEO ta' Maltco Lotteries. Qal li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kellu jipprovdilha rikonoxximent u status internazzjonali, u li kieku l-liċenzja tal-lotterija nazzjonali kellha tintrebaħ minnha, il-Bank of Valletta kien ser iħossu aktar komdu joffri faċilitajiet ta' kreditu finanzjarju lis-soċjetà intimata, u huwa kien jassikura s-suċċess tal-intrapriża għall-għaxar snin li jmiss mill-bidu tal-liċenzjar tagħha. Qal li Schembri offrielu kuntratt definit ta' tliet snin, u matul id-diskussjonijiet li saru huwa ġie infurmat li kien ikun aktar ta' benefiċċju għall-grupp li kieku huwa jsir COO, iżda finalment ġie deċiż li minħabba fl-esperjenza tar-rikorrent fit-tmexxija ta' impriżi simili u fl-organizzazzjoni tal-kumpanniji, huwa ġie offrut ir-rwol ta' DCEO u l-possibilità

ta' direttorat fi tliet kumpanniji tal-*gaming* tas-soċjetà intimata. Spjega li Schembri talbu jwaqqaf kull xogħol ta' konsulenza li kien jagħmel privatament. Qal li bħala DCEO u għal perijodu ta' għaxar xhur, huwa għen lis-soċjetà intimata tidħol f'diskussjonijiet ma' kumpanniji barranin sabiex jistabbilixxu *joint ventures* għall-preparamenti tat-*tender* tal-Lotterija Nazzjonali, u huwa kkontribwixxa billi ra x'kien meħtieġ fil-proġett, x'kien hemm bżonn biex tiġi stabbilita l-intrapriża, u x'kellu jkun ir-rwol ta' kull sieħeb fil-konsorzju u x'kienu l-fatturi prinċipali għas-soluzzjonijiet tekniċi għall-intrapriża għal-liċenzja tal-lotterija nazzjonali sabiex din topera b'suċċess għall-għaxar snin li jmiss, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll mil-lat ta' żvilupp. Spjega li huwa ħadem fuq xogħol ieħor relatat mal-organizzazzjoni u l-għażla ta' *online technical supplier* għall-internet tal-grupp, billi stabbilixxa l-kriterji tal-għażla tiegħu; waqqaf l-*organisation chart* għall-grupp; assista fl-għażla ta' kumpannija tal-komunikazzjonijiet billi pprepara pjan ta' komunikazzjoni relatat mal-lotterija nazzjonali permezz tal-provvista ta' informazzjoni essenzjali fl-intrapriża tal-*gaming* ibbażat fuq l-esperjenza tiegħu f'Malta u barra; ħadem fuq l-analiżi u t-titjib tal-funzjonalità l-ġdida tas-sistema ta' monitoraġġ permezz ta' liema l-grupp kien qed iħares l-intrapriża tal-*gaming* abbażi tal-esperjenza tiegħu f'Malta u barra minn Malta; analizza s-suq Ċiprijott, il-potenzjal ta' dan is-suq u l-prospetti tas-soċjetà intimata u l-istrateġija li din kellha tadotta fis-suq tal-imħatri Ċiprijott; u l-organizzazzjoni tal-impjieg tal-impjegati l-ġodda sabiex is-settur tal-*online betting* tas-soċjetà intimata seta' jespandi. Qal li fi Frar tal-2021, Schembri kien infurmah li ma kellux bżonnu iżjed, u li kien ser jagħtih is-sensja bħala DCEO. Ir-rikorrent qal li l-għada, u b'mod mhux uffiċjali, Schembri

kien infurmah li l-impjieg tiegħu ġie tterminat għaliex kien hemm suspett li r-rikorrent kien qiegħed jgħaddi informazzjoni dwar is-soċjetà intimata lil Maltco Lotteries relatata mat-*tender* li kien ser joħroġ, u meta r-rikorrent staqsa lil Schembri għaliex kien qiegħed jaħseb hekk, dan wieġbu li kien semgħu jkellem bil-Grieg lil ċertu Vassilis Kasiotakis mill-Maltco Lotteries. Qal li huwa spjega lil Schembri li r-raġuni għaliex kien tkellem ma' Kasiotakis kienet għaliex kellu bżonn xi dokumenti relatati mad-dħul u t-taxxa tiegħu fis-snin li ħadem mal-Maltco Lotteries, iżda Schembri wieġbu li ma kienx qiegħed jemmnu. Ir-rikorrent qal ukoll li fi żmien sagħtejn huwa pprovda l-evidenza bid-dokumenti kollha pprovduti lilu minn Maltco Lotteries, iżda Schembri kien infurmah li kien "tard wisq". Qal li meta huwa talab kumpens adegwat għat-terminazzjoni (xahrejn *notice* u ħamsin elf Euro (€50,000)), Schembri infurmah li ma kellu l-ebda obbligu li jagħtih kumpens għajr għan-*notice* dovut għas-sensja skont il-liġi, u dan skont l-ittra ta' terminazzjoni li ngħatat lir-rikorrent. Qal li Schembri offrielu *exclusivity contract* ta' sentejn għal ħamsin elf Euro sabiex jassisti lis-soċjetà intimata fit-*tender* tal-Lotterija Nazzjonali, iżda huwa ma aċċettax din l-offerta. Qal ukoll li l-aħħar pagament li huwa rċieva kien abbażi tas-salarju tiegħu sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg.

4. Is-soċjetà intimata fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, spjegat li hija tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji li joperaw fil-qasam tal-*gaming,* u llum il-ġurnata l-grupp jopera taħt l-isem 'IZIBET' u 'Dragonara', kif awtorizzati mill-Malta Gaming Authority. Qalet ukoll li isem tal-kumpannija llum inbidel għal IZI Group plc. Is-soċjetà intimata spjegat li hija impjegat lir-rikorrent f'April tal-2020, fl-isfond ta' ri-organizzazzjoni tar-responsabbilitajiet tal-funzjoni tal-Kap

Eżekuttiv tal-grupp u anki fl-isfond tal-pjan ta' espansjoni tal-attivitajiet tal-Grupp, inkluż f'pajjiżi barranin. Qalet li r-rikorrent kien ġie indikat bħala persuna valida biex ikun parti minn dan il-pjan, in vista tal-esperjenza sostanzjali tiegħu fil-qasam tal-*gaming* u l-fatt li huwa jitkellem il-Grieg. Qalet li dawn ir-responsabbiltajiet kellhom parzjalment jibqgħu koperti mill-Kap Eżekuttiv, filwaqt li responsabbiltajiet oħra kellhom jgħaddu fuq persuna oħra li tkellha tkopri r-rwol ta' *Deputy Chief Executive Officer,* bil-għan li l-grupp ikun assistit mid-DCEO partikolarment fir-rigward tal-proġetti li kienu ser jinbdew. Qalet li r-rikorrent kien l-aħħar impjegat li ġie ingaġġat magħha fl-ogħla pożizzjonijiet eżekuttivi tal-kumpannija, u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fid-9 ta' Frar, 2021, filwaqt li l-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu kienet fit-23 ta' Frar, 2021. Is-soċjetà intimata spjegat li r-raġuni għalfejn l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat kienet minħabba *redundancy,* u l-impatt negattiv li ħalliet fuq l-operat u d-dħul tagħha l-pandemija tal-COVID-19, li saħansitra wasslet għall-għeluq tal-istabbilimenti kollha tal-Grupp. Is-soċjetà intimata spjegat li minħabba f'din l-inċertezza, hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tibdel il-mod tal-operat tal-istruttura tagħha, iżżomm lura mill-pjanijiet ta' espansjoni, u tara f'liema oqsma setgħet tkun aktar effiċjenti sabiex tnaqqas l-ispejjeż. Qalet ukoll li dan kien jinvolvi l-eliminazzjoni tal-funzjoni tad-DCEO u r-reintegrazzjoni tal-funzjonijiet kollha koperti mid-DCEO fil-funzjoni tal-Kap Eżekuttiv tagħha, u dan anki in vista tar-rimunerazzjoni sostanzjali li kien jitħallas id-DCEO. Qalet li in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, ma kellha l-ebda għażla għajr li tittermina l-impjieg tar-rikorrent minn magħha. Qalet li llum il-pożizzjoni ta' DCEO m'għadiex teżisti fl-istruttura tagħha u tal-Grupp, u r-responsabbiltajit ta' DCEO ġew integrati fir-

responsabbiltajiet tal-Kap Eżekuttiv tagħha, bl-assistenza ta' membri tat-*team* tal-*management,* ilkoll persuni li ilhom jaħdmu mas-soċjetà intimata diversi snin. Is-soċjetà intimata spjegat li kuntrarjament għal dak li jallega r-rikorrent, it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma tissodisfax id-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta kif jipprovdi l-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda tali terminazzjoni kienet motivata biss minn raġunijiet ta' *redundancy.*

5. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, **Johann Schembri** spjega li f'Marzu tal-2020, il-Grupp kellu diversi proġetti ta' espansjoni li kien qiegħed jikkonsidra, fosthom fis-suq Ċiprijott, u għal dan il-għan kien hemm diskussjonijiet għaddejjin mal-Bank of Valletta relatati mal-finanzjament tal-Grupp. Qal li kien waqt dawn id-diskussjonijiet li huwa kien ġie introdott mar-rikorrent. Qal li r-rimunerazzjoni li kellu jitħallas ir-rikorrent kienet tammonta għal madwar €130,000 fis-sena, apparti xi *performance bonuses* li kellu jingħata, u huwa kien offra lir-rikorrent l-opportunità li jservi bħala direttur fuq xi żewġ kumpaniji oħra tal-Grupp u jitħallas *directors' fees* għalihom, iżda qal li dawn qatt ma mmaterjalizzaw għaliex ir-rikorrent baqa' ma ġabx il-permessi relattivi mill-*Gaming Authority* għal dan il-għan. Qal li f'dan iż-żmien faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk kien hemm l-ewwel għeluq tal-istabbilimenti tal-Grupp għal perijodu ta' tliet xhur, fejn għalhekk il-Grupp ma kellu l-ebda introjtu. Qal li minkejja dan, il-Grupp iddeċieda li ma jittermina l-ebda impjieg. Qal ukoll li l-pożizzjoni offruta lir-rikorrent kienet waħda ġdida fil-Grupp, u l-idea kienet li r-rikorrent jikkonċentra fuq l-opportunità ta' Ċipru u fuq opportunitajiet oħra li kienu qegħdin jġu kkonsidrati, fosthom dik tal-privatizzazzjoni tal-Lotterija Nazzjonali ta' Malta. Qal li minkejja li r-rikorrent

ħadem fuq proġetti oħra kemm dam fl-impjieg tal-Grupp, il-proġett ewlieni li huwa ġie ingaġġat għalih kien dak relatat mal-*gaming* f'Ċipru. Qal ukoll li minkejja li r-rikorrent ta kontribut għall-proġetti li kellu f'moħħu li jwettaq il-Grupp, mhux minnu li dan laqqgħu ma' kuntatti ġodda. Qal ukoll li l-Grupp għandu dipartiment tal-*business development,* u għalhekk ma kienx rwol ewlieni tar-rikorrent li jinvolvi ruħhu f'diskussjonijiet interni li seta' kien hemm ma' xi *suppliers* potenzjali. Ix-xhud qal li fi Frar tal-2021, deher ċar li f'Malta kien ser ikun hemm it-tieni għeluq tal-istabbilimenti pubbliċi minħabba l-effetti tal-COVID-19. Qal li kien għalhekk li huwa bagħat għar-rikorrent u infurmah li l-proġetti li kellhom isiru f'Ċipru ma kinux għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati, u li l-Grupp kellu bżonn jimbarka fuq eżerċizzju ta' *cost-cutting.* Qal li kien hemmhekk li huwa nforma lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu mal-kumpannija kien qiegħed jiġi tterminat, għalkemm kien dispost li jżomm lir-rikorrent bħala konsulent mal-kumpannija. Ix-xhud qal ukoll li minflok ir-rikorrent, ma ġie impjegat ħadd mal-kumpannija. Qal ukoll li f'dak iż-żmien huwa ħaseb biex jipproteġi n-negozju eżistenti li kellhom, u mhux biex jespandi fi swieq barranin, u kien għalhekk li ħa d-deċiżjoni li jżomm l-impjegati kollha li kellu mal-kumpannija. Ix-xhud qal li huwa offra l-konsulenza lir-rikorrent b'salarju ta' ħamsin elf Euro fis-sena, bil-kundizzjoni li dan jaħdem esklussivament mas-soċjetà intimata, iżda r-rikorrent irrifjuta din l-offerta li saritlu. Qal ukoll li l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent jikkontempla t-terminazzjoni tal-impjieg f'każ li jkun hemm raġuni tajba u ġusta għal dan fil-liġi. Qal li s-sitwazzjoni finanzjarja li kienet fiha l-kumpannija fiż-żmien in kwistjoni kienet raġuni tajba u ġusta għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent. Fil-parti konklussiva tax-xhieda

tiegħu, ix-xhud qal li r-rikorrent kien jitkellem ħafna bil-Grieg fl-uffiċċju tiegħu, iżda huwa ma jifhimx din il-lingwa, u żied jgħid li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet ir-*redundancy.*

6. **Silvio Scicluna**, *Head of Human Resources* mas-soċjetà intimata, fl-*affidavit* tiegħu qal li IZI Group plc hija l-*parent company* tal-grupp ta' kumpanniji li joperaw fl-industrija tal-*gaming,* kemm dak *land based* kif ukoll dak *online.* Qal li b'kollox il-Grupp iħaddem 350 impjegat. Qal li huwa sar jaf lir-rikorrent meta Johann Schembri kien infurmah li dan kien ser jibda jaħdem mal-kumpannija fir-rwol ta' *Deputy CEO,* u huwa kien ingħata l-inkarigu li jħejji l-kuntratt u jieħu ħsieb l-aspett amministrattiv tal-ingaġġ tiegħu mal-kumpannija. Qal li huwa ma kienx involut fil-proċess tan-negozjar tal-kuntratt, għaliex l-ingaġġ tar-rikorrent kien marbut intrinsikament mal-pjanijiet tas-CEO tal-Grupp għall-espansjoni f'Ċipru. Qal li huwa kellu relazzjoni kordjali mar-rikorrent, u r-rwol ta' DCEO inħolqot appożitament għalih, għaliex dan ir-rwol qatt ma kien jeżisti fil-kumpannija qabel. Qal li r-rikorrent beda jattendi l-uffiċċji tal-kumpannija f'Marzu tal-2020, ftit qabel iffirma l-kuntratt ta' impjieg, sabiex jibda jiffamiljarizza ruħhu mal-kumpannija. Ix-xhud qal li ftit wara l-ingaġġ tar-rikorrent mal-kumpannija, faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, u kellhom jingħalqu l-*casino* u l-istabbilimenti tal-Izibet. Qal ukoll li minkejja li din kienet sitwazzjoni mingħajr preċedent, is-CEO tal-kumpannija saħaq li l-pjanijiet tal-kumpannija ma ġewx imnaqsa, u l-impjegati tal-kumpannija kellhom jinżammu kollha, anki jekk ħafna minnhom spiċċaw id-dar bla xogħol. Qal li meta fis-sena 2021 reġgħu ngħalqu l-istabbilimenti pubbliċi minħabba l-COVID-19, is-sitwazzjoni kienet differenti, u l-kumpannija kellha timbarka fuq eżerċizzju ta'

*cost-cutting.* Qal li kien hemmhekk li s-CEO ħass li l-pjanijiet għall-espansjoni tal-Grupp f'Ċipru kellhom jiġu sospiżi, u għalhekk ir-rwol ta' DCEO ma kienx aktar meħtieġ mill-kumpannija. Qal li wara li ġie deċiż li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat, huwa kien responsabbli sabiex jassigura li l-proċess amministrattiv rigward it-terminazzjoni fuq bażi ta' *redundancy* jitkompla. Qal li meta l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat, ir-rwol ta' DCEO ġie abolit. Qal li fil-preżent m'hemm ħadd li qiegħed jimla dan ir-rwol fil-kumpannija, għaliex ir-responsabbiltajiet li kellu r-rikorrent ġew integrati fir-responsabbiltajiet ta' diversi persuni li diġà kienu impjegati fil-kumpannija qabel.

7. **Joseph Mallia**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien ġie impjegat mas-soċjetà intimata fis-sena 2010 bħala *Chief Financial Officer,* u li għadu jokkupa din il-kariga sal-lum. Qal li l-pandemija kellha impatt negattiv ferm fuq l-operat tal-kumpannija u d-dħul tagħha, u għal dan il-għan esebixxa r-*Report & Consolidated Financial Statements* li ġew approvati mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija.

8. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Louis Buhagiar**, *Senior Executive* mal-JobsPlus, li ppreżenta l-*employment history* tar-rikorrent, u qal li l-ewwel impjieg tiegħu f'Malta ġie rreġistrat fl-1 ta' Settembru, 2004. Ix-xhud qal li wara t-terminazzjoni tal-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata, ir-rikorrent la rreġistra ruħhu bħala *self-employed,* u lanqas ma jirriżulta li reġa' ġie impjegat f'Malta. Qal ukoll li skont ir-*records* ta' JobsPlus, l-ewwel ġurnata tar-rikorrent fl-impjieg tas-soċjetà intimata kienet l-1 ta' April, 2020 u l-aħħar ġurnata kienet it-23 ta' Frar, 2021.

9. Ir-rikorrent fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, spjega li għall-aħħar għoxrin sena huwa kien involut fis-settur tal-*gaming* b'mod globali, u ħadem f'diversi pajjiżi madwar id-dinja. Qal li fis-sena 2012, kien hemm it-tiġdid tal-liċenzja għall-ġestjoni tal-lotteriji f'Malta, u dak iż-żmien iż-żewġ kontendenti kienu l-Maltco Lotteries u l-Pinnacle Group. Qal li dak iż-żmien it-*tender* intrebaħ mill-Maltco Lotteries għal perijodu ta' għaxar snin. Qal li Johann Schembri kien interessat ħafna li jirbaħ il-konċessjoni tal-lotteriji, u għalhekk kien avviċinah u offrielu pożizzjoni mas-soċjetà intimata. Qal li din l-offerta ġiet bil-kundizzjoni li huwa jwaqqaf kull xogħol ieħor u kull konsulenza oħra li kien qiegħed jagħti, u jiddedika l-ħin kollu tiegħu lill-IZI Bet. Qal ukoll li fl-ewwel ftit xhur tal-impjieg tiegħu, huwa kellu jaħdem ħafna fuq il-livell organizzattiv, għaliex fl-eventwalità li s-soċjetà intimata tirbaħ il-konċessjoni li torganizza l-lotterija nazzjonali, ir-riżorsi umani li kellha ma kinux suffiċjenti biex isir ċertu xogħol. Qal li meta daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet minħabba l-pandemija, huwa beda jiffoka aktar fuq l-organizzazzjoni interna tal-kumpannija, anki għaliex l-ivvjaġġar fuq livell internazzjonali kien ristrett, u għalhekk il-proġett ta' Ċipru ma setax jiġi attwat. Ir-rikorrent qal li meta huwa sar jaf li l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat, huwa kien tkellem ma' Johann Schembri, għaliex dak iż-żmien kien wieħed kritiku, is-sejħa għall-offerti għall-konċessjoni tal-lotterija nazzjonali kienet waslet biex toħroġ, u huwa kien jaf b'liema mod il-kompetituri tas-soċjetà intimata kienu qegħdin iħejju biex jitfgħu l-offerta tagħhom. Ix-xhud kompla jgħid li l-offerta li saritlu minn Schembri ma kinitx kompatibbli mal-ispirtu tal-kuntratt iffirmat minnu, għaliex huwa kien ġie offrut is-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000) sabiex jibqa' jagħti konsulenza lis-soċjetà intimata

sakemm toħroġ is-sejħa għall-offerti. Qal li huwa m'aċċettax din il-proposta li kienet saritlu. Ir-rikorrent qal li ftit wara, huwa kellu jiġi rikoverat għal żmien twil u għadda minn żmien ikrah, u żied jgħid li wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, huwa qatt ma ħadem aktar.

## Id-Deċiżjoni Appellata

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2022, it-Tribunal ikkonkluda li r-raġuni ta' *redundancy* għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet inġusta, u għalhekk iddeċieda li r-rikorrent huwa intitolat għall-kumpens skont il-klawsola 2.4.2.1 tal-kuntratt ta' servizz tad-9 ta' April, 2020, liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjetà intimata fi żmien ħmistax mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, għalkemm qal li kwistjonijiet oħra sollevati mir-rikorrent ma jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ in kwistjoni. Kif jirriżulta mill-provi min-naħa tas-soċjetà intimata tgħid li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 li affettwa b'mod mill-aktar negattiv id-dħul finanzjarju tagħha, kellha tieħu miżuri biex tnaqqas l-ispejjeż u għalhekk għamlet ri-organizzazzjoni u ristrutturar li wasslu biex il-funzjonijiet prinċipali li għalihom ġie impjegat ir-rikorrenti ma baqgħux aktar ta' prijorità u għaldaqstant ma kellhiex triq oħra għajr li tittermina l-impjieg tar-rikorrent għal raġunijiet ta' sensja.*
>
> *Min-naħa tar-rikorrent jgħid, li s-sensja tiegħu kienet saret għal raġuni li ċ-Chief Executive Officer beda jaħseb ħażin fih għax kien qed jgħaddi informazzjoni dwar il-proġett tal-Lotterija Nazzjonali lil kumpannija oħra. Huwa jkompli jgħid, li kien hemm raġuni oħra li hija għax wara li s-soċjetà intimata ħadet l-informazzjoni li kellha bżonn mingħandu rigward il-Lotterija Nazzjonali ma kellhiex aktar bżonnu u kien għalhekk li tterminat l-impjieg tiegħu.*

*Aspett ieħor li t-Tribunal Industrijali se jikkunsidra f'dawn il-kunsiderazzjonijiet huwa l-aspett, dwar ir-raġunijiet li ġew mogħtija mis-soċjetà intimata għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti u jekk dawn ir-raġunijiet kinux ġusti li wasslu biex is-soċjetà intimata tirrifjuta li tagħti kumpens lir-rikorrent skont il-kuntratt ta' servizz għar-raġuni li tgħid li kien hemm kawża ġusta għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti u għaldaqstant ir-rikorrenti ma kien intitolat għal ebda kumpens.*

*Rigward dan l-aspett f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali eżamina l-kuntratt ta' servizz datat 9 ta' April, 2020 li r-rikorrenti kellu mas-soċjetà intimata fejn il-klawsola 2.2.1 tgħid "*If the employee's employment under this Contract, is terminated by the employer at any time following the probation period mentioned in clause 2.3 without assigning any reason ("Termination without Cause" or "TWC") the Employee shall be entitled to compensation mentioned hereunder in lieu of and against the Employee's waiver of any right to claiming the award of any other compensation for such termination from the Industrial Tribunal or any other tribunal or court of law".

*It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li klawsola 2.4.2.1 tal-Kuntratt ta' servizz tgħid:-*

In case the TWC (Termination Without Cause) occurs at any time after the expiry of the probationary period and up to the twelfth month (12th) of the WP (termination of Employment) the Company shall serve a NoT (Notice of Termination) of two (2) months and the CA (Compensation Amount) shall be greater of fifty thousand Euro (€50,000) or the equivalent of four (4) months of GS (Gross Salary).

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex l-ewwel ma jikkunsidra l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fejn fl-istqarrija tal-każ tiegħu jallega, li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu saret għar-raġuni li CEO tas-soċjetà intimata beda jaħseb ħażin fih u li kien qed jgħaddi l-informazzjoni dwar il-proġett tal-Lotterija Nazzjonali lil kumpannija oħra.*
*Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali ġie ffaċċjat bl-allegazzjoni tar-rikorrenti u ċ-ċaħda mis-CEO tas-soċjetà intimata. Meta t-Tribunal Industrijali jiżen sew il-provi ma jsibx evidenza konkreta li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret għal raġunijiet li qed jallega. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li kieku l-management kien qed jissuspetta ħażin fir-rikorrenti ma kienx joffrilu servizz ta' Konsulenza.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirriżulta mill-provi s-soċjetà intimata ffaċċjat diffikultajiet fl-operat tagħha kawża tal-pandemija u kellha tagħlaq uħud mill-istabbilimenti tagħha li affettwaw b'mod negattiv id-dħul finanzjarju tagħha u dan kif jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li kien hemm ġustifikazzjoni li l-management tas-soċjetà jieħu ċertu miżuri biex inaqqas l-ispejjeż.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll, li anke kieku ma nħolqitx il-kriżi tal-pandemija u n-negozju qed jopera b'mod normali, il-management għandu responsabbilità li jagħmel l-organizzazzjoni u ristrutturar meħtieġ biex jikkompeti fid-dinja kompetittiva tal-lum u jamministra n-negozju bl-aktar mod effiċjenti, effettiv u bl-anqas spejjeż possibbi, altrimenti jkun qed jipperikola l-istess eżistenza tal-azjenda u l-impjiegi tal-ħaddiema.*

*It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma wkoll, li għalkemm il-management għandu dritt jieħu dawk il-miżuri meħtieġa, imma fit-teħid ta' dawk il-miżuri għandu wkoll iżomm quddiem għajnejh, li l-miżuri jkunu mill-anqas ta' piż fuq il-ħaddiema għar-raġuni, li l-aspett uman għandu jiġi kkunsidrat ta' kif se jintlaqtu l-ħaddiema involuti għax ikollhom impatt negattiv fuq ħajjithom li jista' jaffettwahom negattivament f'kull aspett ta' ħajjithom; kemm dak finanzjarju, soċjali u psikoloġiku u dan speċjalment fejn ikun hemm terminazzjoni ta' impjieg li hija kkunsidrata bħala l-piena kapitali fil-qasam tar-Relazzjonijiet Industrijali.*

*Minn kif jirriżulta mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, il-management tas-soċjetà intimata għamel li seta' biex isalva l-impjiegi tal-ħaddiema, li minn madwar 350 ħaddiem kienu żewġ ħaddiema li l-impjieg tagħhom ġie terminat, li wieħed kien għadu fuq probation u l-ieħor ir-rikorrenti.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dak li tgħid is-soċjetà intimata, li l-proġett tal-Lotterija Nazzjonali ma kienx parti mill-funzjonijiet tax-xogħol li r-rikorrenti ġie impjegat għalihom għax ma kienx indikat fil-Job Description tiegħu.*

*Meta t-Tribunal Industrijali jeżamina dan l-argument huwa tal-fehma, li mpjegat li jiġi mqabbad xogħol li ma jkunx indikat fil-Job Description tiegħu sakemm dan ix-xogħol ikun fil-parametri tal-ħiliet tiegħu u fil-linja tax-xogħol li jkun qed iwettaq.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota li mill-provi jirriżulta li matul l-impjieg u l-ħin tax-xogħol tar-rikorrenti huwa kien ġie ddelegat sabiex iwettaq xogħol li kien relatat mal-proġett tal-Lotterija Nazzjonali.*

*It-tieni aspett li dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra huwa, li meta jeżamina d-dokument li qed jirreferu għalih l-assistenza legali tas-soċjetà intimata li hu datat 9 ta' April, 2020 u mmarkat "*Highly Confidential – re National Lottery" *fl-introduzzjoni tiegħu. L-ewwel ma jirreferi għall-kuntratt ta' impjieg li ġie konkluż bejn il-partijiet fid-9 ta' April, 2020.*

*Aspett ieħor ta' dan id-dokument huwa l-klawsola 3 tgħid "*In terms of the Contract, your duties include your full participation and support in Company/Group projects, including projects similar to the above mentioned (jirreferi għal Lotterija Nazzjonali) ..."

*It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li klawsola 4 tal-istess dokument tgħid* "In the light of what is stated in paragraph 3, the Company wishes and directs you to take charge of such project *(jirreferi għall-proġett tal-Lotterija Nazzjonali)* and commence the necessary preparatory work leading to the eventual bid using the resources of the Company and the Group as may be required."

*In vista ta' dak li qed jiġi msemmi hawn fuq it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li l-funzjoni tax-xogħol tal-Lotterija Nazzjonali kienet parti integrali mill-funzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti.*

*In vista ta' dan li qed jiġi msemmi hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jibda biex jeżamina l-funzjonijiet tax-xogħol li għalihom ġie impjegat ir-rikorrenti li bażikament kienu: li jaħdem fuq il-proġetti ta' Ċipru, fuq il-proġett tal-Lotterija Nazzjonali u jagħti l-kontribut tiegħu fuq l-operat tal-kumpannija.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra dawn it-tliet funzjonjiet prinċipali li kellu r-rikorrenti u jibda bl-aħħar funzjoni dak li jagħti l-kontribut tiegħu fl-operat tal-kumpannija.*

*Mill-provi li eżamina t-Tribunal Industrijali jirriżultalu, li kull sezzjoni tal-operat tas-soċjetà hija mmexxija minn Head u kienu ilhom impjegati tas-soċjetà intimata għal żmien konsiderevoli u li għandhom aktar anzjanità fl-impjieg minn dak li kellu r-rikorrenti.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina dawn il-provi jirriżultalu, li l-operat ta' dawn is-sezzjonijiet kienu mexjin tajjeb u dan qabel ma ġie impjegat ir-rikorrent u għalkemm matul iż-żmien li r-rikorrent kien fl-impjieg ta l-kontribut biex jgħolli l-istandard tagħhom però faċilment setgħu jibqgħu mexjin tajjeb meta uħud mir-responsabbiltajiet li kellu r-rikorrenti bdew jiġu mogħtija lilhom.*

*Aspett ieħor li t-Tribunal Industrijali jikkunsidra hija il-funzjoni li r-rikorrrenti kellu fuq il-proġett ta' Ċipru. Meta t-Tribunal Industrijali jeżamina l-provi jirriżultalu, li minħabba ċ-ċirkostanzi li ħolqot il-pandemija s-soċjetà intimata ma kellhiex alternattivi oħra għajr li twaqqaf l-interess f'dak il-proġett għax il-prijorità tagħha kienet li tikkonsolida dak li kellha u mhux li tespandi l-operat tagħha.*

*It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll l-aspett l-ieħor tal-funzjonijiet tax-xogħol li kellu r-rikorrenti dwar il-proġett tal-Lotterija Nazzjonali.*

*It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li kif jirriżulta mill-provi, din mhux biss kienet il-funzjoni ewlenija tax-xogħol tar-rikorrenti imma r-rikorrenti ġie impjegat mas-soċjetà intimata biex jaqdi din il-funzjoni.*

*It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fehma għar-raġuni, li kienet is-soċjetà intimata li avviċinat lir-rikorrenti wara li kien hemm suġġeriment minn uffiċjal tal-Bank of Valletta li kien diġà ħadem mar-rikorrenti fuq il-proġett tal-Lotterija Nazzjonali u l-abbiltajiet tar-rikorrenti kienu magħrufa f'dan il-qasam.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirriżulta mill-provi r-rikorrenti kien ilu fl-impjieg jaħdem fuq il-preparamenti kemm tad-dokumenti kif ukoll aspetti oħra tal-operat biex is-soċjetà intimata tkun ippreparata biex tibbidja għal meta toħroġ it-tender tal-Lotterija Nazzjonali.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, dak li jgħid il-management li kien baqa' ħafna żmien biex jitwettaq dan il-proġett però, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li l-proġett tal-Lotterija Nazzjonali għandu terminu ta' żmien li kulħadd jaf meta se jiskadi u l-ebda pandemija ma kienet se taffettwa meta se jiskadi t-terminu ta' żmien tal-kumpannija li kienet qed tieħu ħsieb l-operat tal-Lotterija Nazzjonali.*

*Għaldaqstant, jekk ir-rikorrent ġie impjegat f'April 2020 u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fi Frar 2021 li kien għadda perijodu ta' għaxar xhur ifisser li kien hemm għaxar xhur anqas ta' meta tiskadi l-konċessjoni tal-Lotterija Nazzjonali u tinħareġ it-tender.*

*It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet meta jeżamina l-provi jirriżultalu wkoll, li din il-funzjoni tax-xogħol tal-Lotterija Nazzjonali li kellu r-rikorrenti kienet għadha importanti meta saret ri-organizzazzjoni u l-istrutturar li għamlet is-soċjetà intimata tant, li l-management offra lir-rikorrenti li jservi bħala Konsulent fuq ix-xogħol tal-Lotteriji Nazzjonali liema offerta ġiet rifjutata mir-rikorrenti.*

*Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jifhem għal liema raġuni r-rikorrenti rrifjuta l-offerta ta' Konsulenza u fil-fehma tat-Tribunal Industrijali hija r-raġuni, li r-relazzjoni tax-xogħol bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata kienet se tinbidel minn waħda ta' impjieg għal dik ta' self-employed bir-riżultat, li r-rikorrenti xorta kellu jibqa' jiddedika l-ħin tiegħu lis-soċjetà intimata u dan b'mod esklussiv li jfisser, li kien*

*se jkun marbut mas-soċjetà intimata daqs li kieku kien impjegat però mingħajr il-benefiċċji li jirriżultaw mill-kuntratt ta' servizz li kellu mas-soċjetà intimata.*

*Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li għalkemm is-soċjetà intimata kellha dritt li tagħmel ri-organizzazzjoni u tabolixxi l-grad ta' Deputy Chief Executive Officer però, peress li l-funzjoni ewlenija li kellu r-rikorrenti dik tal-Lotterija Nazzjonali baqgħet teżisti, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-offerta li kellu jagħmel il-management lir-rikorrenti kellha tkun ta' impjieg alternattiv u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu jiġu riveduti biex jirriflettu r-responsabbilità biss tal-funzjoni li kellu jaqdi r-rikorrenti li hija dik tal-Lotterija Nazzjonali.*

*Aspett ieħor li dan it-Tribunal Industrijali jikkonsidra f'dawn il-konsiderazzjoni u jsaħħaħ il-fehma li l-management minflok li kellu joffri servizz ta' konsulenza lir-rikorrenti imma kellu joffrilu xogħol alternattiv huwa għar-raġuni wkoll li mhux biss il-funzjoni tax-xogħol tal-Lotterija Nazzjonali kienet għadha teżisti imma wkoll għax meta ġie impjegat ir-rikorrenti mas-soċjetà intimata huwa ġie mogħti l-impressjoni li r-relazzjoni tax-xogħol bejnu u bejn is-soċjetà intimata kienet se tkun waħda stabbli u fit-tul.*

*It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fehma għar-raġuni li jidher ċar mill-kundizzjonijiet tad-dokument li tista' tiġi msejħa bħala side letter tal-kuntratt ta' servizz f'dan id-dokument li diġà saret referenza għalih datat 9 ta' April, 2020 u mmarkat "Highly Confidential – Re National Lottery" klawsola 5 titkellem fuq one time payment ta' success fee jekk tintrebaħ it-tender tal-Lotterija Nazzjonali li tammonta għal €150,000 u klawsola 6 tispjega r-relazzjoni tax-xogħol li seta' jkollu r-rikorrenti mas-soċjetà intimata.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li b'riżultat ta' dan il-kuntratt ħajjar lir-rikorrenti li jaċċetta l-offerta tas-soċjetà intimata u jħalli x-xogħol ta' konsulenzi li kellu biex jieħu l-impjieg mas-soċjetà u jiddedika l-ħin kollu għaliha.*

*In vista ta' dak li qed jiġi spjegat hawn fuq it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi, li s-soċjetà intimata ma kellhiex toffri lir-rikorrent servizz ta' konsulenza imma kellha toffri impjieg alternattiv.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal għall-konklużjoni u jiddeċiedi li r-raġuni ta' redundancy għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet inġusta u in vista ta' dan it-Tribunal Industrijali jasal*

*għall-konklużjoni u jiddeċiedi li r-rikorrent għandu jkun intitolat għal kumpens skont klawsola 2.4.2.1 tal-kuntratt ta' servizz datat 9 ta' April, 2020.*

*Dan il-kumpens għandu jitħallas minn IZI Group plc (C 34215) fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

*Dan it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll rigward pretensjonijiet oħra li għandu r-rikorrenti, li bażikament jirrigwardaw ksur ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u kuntratti.*

*It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi, li din il-materja mhix kompetenza ta' dan it-Tribunal Industrijali li jiddeċiedi fuq dawn l-aspetti ta' ksur ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u kuntratti bejn il-partijiet għax il-kompetenza ta' dan it-Tribunal Industrijali hija li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kinitx ġusta u jekk jirriżulta li tkun inġusta jagħti rimedju.*

*Għaldaqstant, rigward ksur tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u kuntratti r-rikorrenti għandu jirreferihom lill-Qorti kompetenti li tiddeċiedi fuq din il-materja.*

*Minħabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' faċilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID-19 ma kienx possibli li dan il-każ jiġi deċiż fi żmien stabbilit mil-liġi."*

**<u>L-Appell</u>**

11. Is-soċjetà intimata ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata u interponiet appell minnha fid-9 ta' Diċembru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tat-Tribunal tad-29 ta' Novembru, 2022, u minflok tiċħad it-talbiet tal-appellat fl-intier tagħhom, in kwantu l-elementi ta' *redundancy* ġew ippruvati. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-kwistjoni odjerna hija dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat li kien impjegat bħala *Deputy Chief Executive Officer* fl-1 ta' April, 2020, b'kuntratt ta' impjieg għal żmien indefinit. L-impjieg tal-appellat ġie tterminat fuq bażi ta' *redundancy* fid-9 ta' Frar, 2021, jiġifieri għaxar xhur wara l-ingaġġ tiegħu. L-appellanta spjegat li dan

ir-rwol ma kienx jeżisti qabel ġie impjegat l-appellat magħha, u din il-pożizzjoni nħolqot minnha għaliex kienet qiegħda tipprospetta tkabbir b'mod esponenzjali, inkluż bl-espansjoni tal-operat tagħha ġewwa Ċipru. Spjegat li ftit biss wara l-ingaġġ tal-appellat magħha, l-operat tagħha ġie affettwat b'mod negattiv minħabba l-pandemija tal-COVID-19, meta l-istabbilimenti tal-logħob tagħha kienu ngħalqu, u b'hekk id-dħul tagħha ġie azzerat. Spjegat li meta f'Malta ddaħħlu restrizzjonijiet u fl-2021 kien hemm għeluq għat-tieni darba, l-appellanta ħasset li ma kienx għadu jagħmel sens li tkabbar l-operat tagħha barra l-pajjiż fis-sitwazzjoni li kienet fiha d-dinja, u li kien ikun ferm aktar għaqli li tikkonsolida dak li għandha f'Malta quddiem din is-sitwazzjoni bla preċedent. L-appellanta qalet li wara riflessjoni, ġie deċiż li r-rwol tal-appellat ma kienx għad hemm bżonnu, u b'hekk ġie deċiż li l-impjieg tiegħu għandu jiġi tterminat abbażi ta' *redundancy.*

12. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal diversi konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal, u qalet li fl-ewwel lok għandu jirriżulta li t-Tribunal kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex hemm inkonsistenza bejn il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal u d-deċiżjoni finali tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal żbalja wkoll b'mod grossolan meta applika l-liġi tal-impjiegi fir-rigward ta' *redundancy.* It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li t-Tribunal żbalja b'mod grossolan fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tiegħu tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellat, u li fi kwalunkwe każ naqas milli jillikwida l-ammont dovut b'mod li anke li kieku d-deċiżjoni appellata kellha titqies li hija

waħda korretta, tħalli lok għal dubju dwar il-likwidazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens li għandu jitħallas.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal, filwaqt li kkonsidra li hemm l-elementi kollha li trid il-liġi għal *redundancy,* fl-istess waqt iddeċieda li l-appellat kellu jiġi offrut impjieg alternattiv b'kundizzjonijiet riveduti sabiex jirriflettu r-responsabbilità 'limitata' tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal donnu jikkonċedi li hemm ġustifikazzjoni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat abbażi ta' *redundancy,* mill-banda l-oħra jiddeċiedi li donnu hemm xi obbligu legali fuq il-prinċipal li f'każ ta' *redundancy* joffri impjieg alternattiv lil dawk milquta mill-isfortuna ta' *redundancy.* Qalet li donnu t-Tribunal qiegħed jippenalizzaha għaliex filwaqt li kienu jeżistu l-elementi kollha biex ir-rwol ta' DCEO jiġi abolit, ħasset li jkun etiku fiċ-ċirkostanzi li hija toffri rwol ta' konsulenza lill-appellat dwar proġett partikolari li kien għad irid jiffjorixxi, dak tal-lotterija nazzjonali, liema offerta ġiet rifjutata. Is-soċjetà appellanta qalet li minn aspett prammatiku, ma jagħmilx sens li l-appellat jingħata impjieg ġdid u dan għaliex is-soċjetà appellanta kienet għaddejja minn żmien diffiċli fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, u kellha tara kif ser tibqa' kompetittiva u operattiva, filwaqt li tħares l-impjiegi tal-impjegati tagħha. Qalet li l-appellat kien ġie ingaġġat biex jaqdi rwol li fid-dawl tal-pandemija ma kienx baqa' skop għalih. Qalet ukoll li l-appellant kellu salarju ta' €150,000 fis-sena, li ma kienx fadal skop għall-ingaġġ tiegħu, il-funzjonijiet tiegħu setgħu faċilment jiġu assorbiti mill-impjegati l-oħra fil-kumpannija, u huwa kien l-aħħar impjegat ingaġġat fil-livell maniġerjali. Qalet li kieku hija offriet rwol ġdid lill-appellat, ma kien ikun sar l-

ebda eżerċizzju ta’ *cost-cutting,* u hija kienet tispiċċa f’diffikultajiet finanzjarji li kienet fihom qabel sar dan l-eżerċizzju.

14. Is-soċjetà appellanta saħqet li t-Tribunal naqas milli josserva l-prinċipji ta’ smigħ xieraq u jsegwi r-regoli ta’ proċedura stabbiliti fil-Kap. 12 tal-Liġijet ta’ Malta, partikolarment dak li jipprovdi l-artikolu 563A, u dan meta ppermetta li tiġi sottomessa evidenza li kienet ibbażata fuq opinjonijiet, għajdut u saħansitra anke suppożizzjonijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li anki meta l-avukati difensuri tagħha ressqu l-oġġezzjoni tagħhom dwar dan, ġew injorati mit-Tribunal.

15. B’riferiment għat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal interpreta u applika l-liġi b’mod żbaljat, għaliex il-prinċipju ta’ *redundancy* huwa ben stabbilit fil-liġi tagħna, u huwa evidenti li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat ma taqa’ taħt l-ebda wieħed mis-subartikoli tad-definizzjoni kif dedotta fil-liġi. Qalet li kieku wieħed kellu jagħmel analiżi legali ta’ dak li tgħid il-liġi u ta’ dak stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, għandu jirriżulta li fil-każ *de quo* hemm ir-raġunijiet kollha validi għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat abbażi ta’ *redundancy.* Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal stess fid-deċiżjoni tiegħu qal li l-elementi ta’ *redundancy* ġew sodisfatti u ampjament ippruvati, u għalhekk it-Tribunal kellu jieqaf hawnhekk bil-konsiderazzjonijiet tiegħu. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-leġislatur ried joħloq distinzjoni netta bejn terminazzjoni għal raġuni valida skont il-liġi u terminazzjoni abbażi ta’ *redundancy,* tant li fl-ewwel każ it-terminazzjoni hija marbuta intrinsikament mal-individwu, filwaqt li fit-tieni istanza l-individwu

huwa irrilevanti. Qalet li għalhekk hija tinsab perplessa kif filwaqt li ġie ammess li hija kellha raġun tabolixxi ir-rwol u tittermina l-impjieg, fl-istess nifs it-tkeċċija tal-impjegat ġiet dikjarata inġusta.

16. B'riferiment għat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta spjegat li t-Tribunal saħansitra interpreta l-kuntratt tal-impjieg b'mod żbaljat, in kwantu li fl-ebda ċirkostanza ma seta' japplika dak li jipprovdi l-klawsola 2.4.2.21, għaliex mhuwiex ikkontestat li t-terminazzjoni saret għal raġuni ta' *redundancy,* filwaqt li l-klawsola imsemmija titkellem dwar *termination without cause.* Qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jillikwida l-ammonti li skont hu huma dovuti kaġun tat-terminazzjoni inġusta, u dan sabiex jiġu evitati kull inċertezza u/jew dubju.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. Fir-risposta tiegħu, l-appellat qal li preliminarjament irid jingħad li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jiġu appellati biss fuq punt ta' liġi, u minkejja li s-soċjetà appellanta tittenta tinkwadra l-aggravji tagħha f'diċitura intiża sabiex taderixxi ma' dan ir-rekwiżit, minn qari akkurat tar-rikors tal-appell, għandu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda punt ta' liġi li ġie sollevat minnha.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, l-appellat qal li din qiegħda tissottometti li t-Tribunal naqas milli jirrispetta l-prinċipji ta' smigħ xieraq *ai termini* tal-artikolu 536(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ppermetta li tiġi sottomessa evidenza li kienet ibbażata fuq opinjonijiet, għajdut u anke suppożizzjonijiet. Qal li din hija suppożizzjoni insensata, għaliex mit-traskrizzjoni esebita għandu jirriżulta li dak li s-soċjetà

appellanta tgħid li ma kellux jiġi permess, kienet ix-xhieda tal-appellat innifsu. Qal li kieku huwa ma tħalliex jixhed fil-kawża intavolata minnu, seta' jiġi sottomess li ma kienx hemm smigħ xieraq, u mhux bil-kontra. Qal ukoll li l-unika ħaġa li għamel it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, kienet li ddeċieda li s-soċjetà appellanta kellha dritt tagħmel ristrutturazzjoni, u imkien ma aċċetta li kien hemm *redundancy.*

19. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li mhux minnu li t-Tribunal iddeċieda li f'dan il-każ l-elementi ta' *redundancy* ġew sodisfatti.

20. Dwar it-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li t-Tribunal irrifjuta t-teżi tas-soċjetà appellanta li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg seħħet minħabba *redundancy.* Qal ukol li mhux minnu li t-Tribunal naqas milli jillikwida l-ammont dovut kaġun tat-terminazzjoni inġusta, għaliex it-Tribunal kien ċar u inekwivoku fil-konklużjonijiet tiegħu meta indika l-applikazjoni tal-Artikolu 2.4.2.1 tal-kuntratt tal-impjieg, li jistabbilixxi kif kellu jinħadem il-kumpens f'dan il-każ. Qal ukoll li dan mhux aggravju bbażat fuq punt ta' liġi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

21. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat fir-risposta tiegħu.

*L-ewwel aggravju:* *[ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali; ebda konsistenza bejn il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal u d-deċiżjoni finali mogħtija]*

22. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal naqas milli josserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kiser id-dritt ta' smigħ xieraq tagħha meta ppermetta xhieda jesprimu opinjonijiet u fehmiet tagħhom, kif ukoll għamel sensiela ta' konsiderazzjonijiet kompatibbli mal-ħsieb li dan kien każ ta' *redundancy,* iżda finalment iddeċieda li kien hemm it-tkeċċija inġusta tal-appellat mill-impjieg, u għaldaqstant qal li dan kellu jiġi offrut impjieg alternattiv b'kundizzjonijiet riveduti li jirriflettu r-responsabbiltajiet limitati li seta' jingħata l-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li hija rnexxielha tipprova li kien hemm lok li r-rwol ta' DCEO li kellu l-appellat jiġi abolit, u minn aspett prammatiku ma kienx jagħmel sens li r-rikorrent jiġi offrut impjieg ġdid, għaliex dan ifisser li hija ma kienet qiegħda tagħmel l-ebda *cost-cutting* li kien neċessarju għaliha biex tibqa' kompetittiva u tibqa' topera fil-perijodu waqt u wara l-pandemija tal-COVID-19.

23. Il-Qorti kkunsidrat it-traskrizzjoni tax-xhieda tad-29 ta' Marzu, 2022, liema traskrizzjoni ġiet esebita mis-soċjetà appellanta in sostenn tal-aggravju tagħha li hija ma ngħatatx smigħ xieraq, u li t-Tribunal ippermetta xhieda jagħtu l-opinjoni tagħhom. Ix-xhieda in kwistjoni hija dik mogħtija mir-rikorrent innifsu quddiem it-Tribunal, fejn ir-rikorrent hawnhekk appellat, għamel riferiment għall-kuntratt ta' impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta u spjega uħud mill-klawsoli tiegħu, partikolarment dawk relatati mal-kumpens li għandu jitħallas

lilu f'każ ta' terminazzjoni tal-impjieg. Jidher li f'punt minnhom, l-avukat difensur tas-soċjetà appellanta beda jilmenta mat-Tribunal għaliex skont hu r-rikorrent beda jagħti interpretazzjoni legali tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu, liema interpretazzjoni l-istess avukat qal li kellha tibqa' għat-trattazzjoni finali bejn il-partijiet. Il-Qorti tosserva li filwaqt li huwa minnu li f'partijiet mix-xhieda tiegħu l-appellat ittenta jinterpreta l-kuntratt tax-xogħol tiegħu, madanakollu m'hemm xejn fid-deċiżjoni tat-Tribunal li jindika li t-Tribunal kien influwenzat minn din ix-xhieda jew aċċetta dak li qal l-appellat bħala stat ta' fatt. Ta' min jgħid li l-appellat kien qiegħed jixhed f'kawża kontra kumpannija li kien ingaġġat magħha f'livelli għoli ħafna fil-ġerarkija tagħha, u huwa kellu jitħalla jagħti l-opinjoni tiegħu u jispjega abbażi ta' xiex huwa fetaħ il-proċeduri odjerni fejn fost talbiet oħra, talab ammont ta' kumpens partikolari, liema kumpens jirriżulta mill-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Ir-rwol tat-Tribunal f'dan kollu kien li janalizza x-xhieda kollha mogħtija, u abbażi tad-dokumenti u l-provi kollha li kellu quddiemu jasal għal deċiżjoni. Fil-fatt jirriżulta li huwa proprju dan dak li għamel it-Tribunal, u l-fatt li dan wasal għal konklużjoni li tikkonferma aspetti tax-xhieda tal-appellat, m'għandux ifisser li dan seħħ għaliex it-Tribunal aċċetta l-interpretazzjoni tal-appellat bħala stat ta' fatt. Il-Qorti tosserva wkoll li jekk is-soċjetà appellanta hija tal-fehma li għal xi raġuni ma ngħatatx smigħ xieraq, minkejja li din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-fehma, din il-Qorti mhijiex il-forum adattat fejn għandhom jitressqu ilmenti ta' din ix-xorta.

24. B'riferiment għat-tieni parti tal-aggravju tas-soċjetà appellanta, il-Qorti ma taqbilx li t-Tribunal x'imkien qal jew ta l-impressjoni bil-konsiderazzjonijiet tiegħu, li dan huwa każ ta' *redundancy.* Fil-fatt it-Tribunal ikkonsidra li l-appellat

kellu jaqdi tliet rwoli partikolari mas-soċjetà appellanta, jiġifieri kellu jkollu rwol fl-organizzazzjoni u t-tmexxija tagħha, liema rwol sussegwentement ġie deċiż li għandu jitkompla minn persuni li diġà kienu jaħdmu mal-kumpannija f'diversi rwoli oħra, il-proġett ta' Ċipru li twaqqaf minħabba fid-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija, u l-proġett tat-*tender* tal-lotterija nazzjonali. It-Tribunal qies li in vista tal-offerta li saret lill-appellat wara li huwa ġie infurmat li l-ingaġġ tiegħu mas-soċjetà appellanta kien qiegħed jiġi tterminat, jiġifieri dik li huwa jaħdem mas-soċjetà appellanta bħala konsulent, u jibqa' jagħti l-assistenza tiegħu fuq il-proġett tal-lotterija nazzjonali, fisser li kien għad hemm lok fejn l-appellat jinżamm fl-impjieg tal-appellanta anki jekk fi rwol differenti minn dak li ġie ingaġġat għalih oriġinarjament, u b'responsabbiltajiet aktar limitati. Il-Qorti tqis li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal qabel li kien hemm lok ta' ristrutturar fejn ikun hemm trażżin ta' ċertu infiq mis-soċjetà appellanta, iżda t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat abbażi ta' *redundancy* ma tistax titqies li hija ġustifikata fid-dawl tal-fatt li parti sostanzjali mir-rwol tiegħu kellha tkun iffukata fuq il-proċess tat-*tender* tal-lotterija nazzjonali, u dan kien għadu ma mmaterjalizzax.

25. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament adottat mit-Tribunal, li kkonsidra diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-appellat ingħata l-impressjoni li huwa kien dieħel għal relazzjoni fit-tul bl-ingaġġ tiegħu mas-soċjetà appellanta, tant hu hekk li d-direttur maniġerjali tagħha Johann Schembri ħeġġu jabbanduna kull xogħol u kull konsulenza oħra li kien jagħmel, sabiex jiffoka biss fuq ix-xogħol tas-soċjetà appellanta. It-Tribunal kellu jqis jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat fiċ-ċirkostanzi kinitx waħda raġonevoli jew ġustifikata, u

qies li ladarba l-appellat kellu rwol x'jaqdi xorta waħda li kieku nżamm fl-impjieg tas-soċjetà appellanta, dan kellu jingħata rwol alternattiv u mhux jitkeċċa. It-Tribunal ikkonsidra wkoll li għajr għal persuna oħra li kienet ingaġġata bi prova u li l-impjieg tagħha ġie tterminat, ix-xogħol tal-appellat kien l-uniku wieħed li ġie tterminat mis-soċjetà appellanta minħabba fil-pandemija. Il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[żball fl-applikazzjoni tal-liġi]*

26. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal interpreta u applika l-liġi b'mod żbaljat, stante li fil-każ odjern kienu jeżistu l-elementi kollha biex jiġi deċiż li hemm *redundancy,* u t-Tribunal qal li dawn l-elementi ġew sodisfatti.

27. Il-Qorti eżaminat fid-dettall id-deċiżjoni tat-Tribunal, u tqis li mkien f'din id-deċiżjoni ma jingħad li l-elementi rikjesti għal *redundancy* ġew ippruvati. Fil-fatt fil-konsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal ixejjen it-teżi tas-soċjetà appellanta li mhuwiex minnu li l-appellat ġie ingaġġat biex jagħmel xogħol marbut mal-proġett tal-lotterija nazzjonali, u kkonsidra li fil-fatt il-proġett tal-lotterija nazzjonali kien wieħed mir-rwoli ewlenin li kellu l-appellat fl-impjieg li kellu. It-Tribunal qal li s-soċjetà appellanta kellha kull dritt li tirriorganizza u tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tibqa' kompetittiva u operattiva fid-dinja tallum, partikolarment wara l-pandemija, iżda bl-ebda mod ma qal li s-soċjetà appellanta kienet ġustifikata tirrendi lill-appellat *redundant,* jew li kienet ġustifikata li timxi bil-mod kif imxiet mal-appellat. Għaldaqstant tqis li dan l-

aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu, għaliex fattwalment ma jirriżultax mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

*It-tielet aggravju:* *[il-kwantifikazzjoni tal-kumpens]*

28. Is-soċjetà appellanta ssostni wkoll li t-Tribunal interpreta l-kuntratt ta' impjieg tal-appellat b'mod żbaljat, u dan għaliex il-klawsola 2.4.2.1 tal-kuntratt hija maħsuba biex tolqot '*termination without cause*' u mhux ukoll sitwazzjoni ta' *redundancy.*

29. Il-Qorti tqis li l-aggravji kollha mressqa mis-soċjetà appellanta huma maħsuba biex jirrendu l-imsemmija klawsola li jagħmel riferiment għaliha l-appellat fir-rikors tiegħu, ineffettiva u inapplikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Huwa għalhekk li s-soċjetà appellanta tinsisti li dan mhux każ ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg, iżda każ fejn l-appellat ġie *redundant* minħabba ċ-ċirkostanzi prevalenti fid-dinja fiż-żmien rilevanti. Il-klawsola 2.2.1 tal-kuntratt relattiv tgħid hekk:

> *'If the employee's employment under the contract, is terminated by the employer at any time following the probation period ... without assigning any reason the Employee shall be entitled to compensation mentioned hereunder in lieu of and against the employee's waiver of any rihgt to claiming the award of any other compensation for such termination from the Industrial Tribunal or any other Tribunal or court of law.'*

30. Il-klawsola 2.4.2.1 tal-istess kuntratt imbagħad tgħid illi:

> '*In case the TWC (Termination Without Cause) occurs at any time after the expiry of the probationary period and up to the twelfth month (12th) of the WP (termination*

*of Employment) the Company shall serve a NoT (Notice of Termination) of two (2) months and the CA (Compensation Amount) shall be greater of fifty thousand Euro (€50,000) or the equivalent of four (4) months of GS (Gross Salary).'*

31. Il-Qorti tiddikjara minn issa li anki jekk l-interpretazzjoni li għandha tingħata din il-klawsola hija waħda ċara, għandu jkun it-Tribunal li jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, u li għandu jispjega b'liema mod wasal għal dik il-komputazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan jikkwantifika l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, bi spjegazzjoni ċara dwar kif inħadmet dik is-somma. Hawnhekk il-Qorti tqis li huwa pertinenti li tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Spiteri *vs.* Xuereb Glass Company Limited**[1], fejn ingħad is-segwenti:

*"... Minn dan hu deżumibbli li l-iffissar tal-ammont tal-kumpens hu rimess għall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem li jkun wieħed arbitrio boni viri, bażat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika ġudizzju li jżomm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kollha u rikonċiljat mal-eżerċizzji korretti tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena aċċennati."*

32. Fil-każ odjern, it-Tribunal kellu indikaturi ċari dwar il-mod kif għandu jinħadem il-kumpens, billi japplika l-klawsola relattiva fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellat, u jara liema waħda miż-żewġ ċifri li jikkontempla l-kuntratt ser tiġi applikata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u għal liema raġuni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat parzjalment, u l-Qorti qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex jikkwantifika l-kumpens li

[1] 10.10.2005.

għandu jitħallas lill-appellat, in linea ma' dak deċiż diġà. Il-Qorti qiegħda tidderieġi lit-Tribunal itemm dan l-eżerċizzju fi żmien ħmistax minn meta l-atti jiġu rimessi lura għandu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi filwaqt li tiċħad l-ewwel żewġ aggravji sollevati minnha, tilqa' parzjalment it-tielet aggravju, b'dan illi tiddikjara li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan jikkwantifika l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat. Il-Qorti tidderieġi lit-Tribunal sabiex itemm dan l-eżerċizzju fi żmien ħmistax-il jum minn meta l-atti jintbagħtu u jaslu għandu.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tordna li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**